MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Numru 583/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**vs**

**Pierre Cutajar u Rudy Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:

Pierre Cutajar ta’ 39 sena bin Domenic u Odette nee Giacosa imwieled Bormla u joqghod ‘Hibiscus’, Triq il-Qaliet, Marsascala - detentur ta’ karta ta’ identita numru 35662(m);

Rudy Cutajar ta’ 18-il sena bin Francis u Anna nee’ Caruana imwieled Pieta, u joqghod ‘Moonshine’, Triq ir-

Rinella, Kalkara – detentur ta' karta ta' identita numru 342583(m);

Akkuzati talli fit-12 ta' Awissu 2001 gewwa Triq il-Knisja, San Giljan, filghodu ghal habta tas-7.35a.m. ikkommettew serq ta' karozza tal-ghamla Lada bin-numru ta' registrazzjoni FBE-126 li l-valur taghha jeccedi l-Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Raymond Camilleri liema serq huwa aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikonsidrat:

L-imputati huma akkuzati ta' serq aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa. L-istess imputati kemm fl-istqarrijiet taghhom u kemm meta xehdu cahdu l-akkuza. Issa l-fatti rizultanti huma li l-imputati kienu ghamlu lejl jixorbu f'stabiliment gewwa Paceville u fil-hin li ddecidew li jirritornaw lejn darhom, li kien ghal habta tas-7.30 ta' filghodu tat-12 ta' Awissu 2001, u kienu mixjin fi Triq il-Knisja, l-imputat Cutajar osserva vettura li ma kinitx imsakkra u bic-cwievet go fiha. Sa hawnhekk ma jidhrix li hemm xi kontestazzjoni.

Il-pulizija pero stqarrew li lill-imputati kienu osservawhom gewwa din il-vettura li wkoll jirrizulta li anke giet imcaqalqa mill-post tal-parkegg taghha. Dan xehduh kemm is-Supretendent Pierre Calleja u kemm il-kuntistabbli 807 Felix Vella. Issa dan il-fatt abbinat mill-assiem tal-provi u c-cirkostanzi emergenti jnisslu l-ferma konvinzjoni f'din il-Qorti li l-kaz hu aktar konfacjenti mal-furto d'uso milli serq veru u proprju. Il-furto d'uzo huwa kkontemplat fl-Artikolu 61 tal-Kap 65. Huwa wisq car hawnhekk li l-imputati ma

kellhomx l-awtorita' legittima tas-sid sabiex isuqu l-imsemmija vettura u lanqas ipprovaw li s-sid kien tahom jew kien itithom dan il-kunsens.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq premessi filwaqt li tiddikjara l-imputati mhux hatja ta' serq tiddikjarahom pero hatja tar-reat ta' sewqan bla kunsens ai termini ta' l-Artikolu 61 tal-Kap 65 u wara li rat l-imsemmi artikolu u rat il-fedina penali tal-imputati tikkundannhom in kwantu lill-imputat Pierre Cutajar multa ta' Lm100 u in kwantu ghall-imputat Rudy Cutajar multa ta' Lm50. Tordna wkoll li l-multa tigi konvertita f'xahrejn u xahar prigunerija rispettivament fin-nuqqas ta' hlas fit-termini tal-Artikolu 14 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------